MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 615/2006

**Lora Birmingham, Carmen Xuereb, Angelo Grech, John Grech, Rita Agius, Benjamina Cutajar, Alfred Grech, George Grech, Emmanuel Grech, Josephine Borg, u Shirley Farrugia.**

**vs**

**Polly Azzopardi.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi Lora Birmingham (KI 0824751M), Carmen Xuereb (KI 463253M), Angelo Grech(KI 206456M), John Grech (KI 531857M), Rita Agius (KI 458963M), Benjamina Cutajar (KI 002159M), Alfred Grech (KI 715361M), George Grech (KI 372866M), Emmanuel Grech (KI 58968M), Josephine Borg (KI

136665M), u Shirley Farrugia (KI 425973M), datat 6 ta' Lulju 2006 a fol. 1 tal-process fejn ippremettew:-

Illi Antonia Grech, mart Carmelo Grech u omm il-kontendenti, mietet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 1986 (certifikat tal-mewt markat Dokument "A") intestata kif jirrizulta mir-ricerka testamentarji hawn annessi u mmarkati Dokumenti "B" u "C", u s-successjoni taghha hija regolata mil-ligi.

Illi Carmelo Grech, missier il-kontendenti, miet fis-sittax (16) ta' Mejju 2004 (certifikat tal-mewt immarkat Dokument "D"), u mir-ricerki testamentarji hawn annessi u markati Dokument "E" u "F" irrizulta li Carmelo Grech ghamel testment fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt tat-2 ta' Mejju 1994 (Dokument "G"), liema testment gie sussegwentement varjat permezz ta' testment iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Roland John Wadge tal-25 ta' Settembru 2002 (Dokument "H").

Illi permezz tat-testment tat-2 ta' Mejju 1994 it-testatur Carmelo Grech, filwaqt illi istitwixxa lil uliedu l-kontendenti bhala eredi universali tieghu fi kwoti ugwali bejniethom, halla b'titolu ta' prelegat lill-konvenuta s-somma ta' elf tliet mija hamsa u sebghin liri Maltin (Lm1,375) liema somma giet riveduta fit-testment tal-25 ta' Settembru 2002 ghal elfejn liri Maltin (Lm2,000) in kumpens ta' servigi rezi lilu.

Illi *inoltre* permezz tat-testment tat-2 ta' Mejju 1994 Carmelo Grech halla b'titolu ta' prelegat lill-konvenuta kull dritt ta' inkwilinat u kull dritt iehor li ghandu tar-razzett imsejjah 'tas-Sienja', Race Course Street, Marsa.

Illi bit-testment tal-25 ta' Settembru 2002, Carmelo Grech, filwaqt illi ordna illi l-fond ossia razzett li jinstab gewwa Valletta Road, Qormi, kellu jinbiegh lill-konvenuta b'valur gust stabbilit minn perit indipendenti, halla b'titolu ta' prelegat lill-konvenuta "nofs sehemu mill-fond kif ukoll l-uzu tar-razzett kollu".

Illi skont il-konvenuta, il-valur gust tal-fond in kwistjoni huwa ta' Lm90,000 (Dokument "I").

Illi l-konvenuta qed tikkontendi illi l-interpretazzjoni korretta tat-testment hi illi t-testatur Carmelo Grech halla lilha “nofs sehem” mill-fond li jinstab Hal Qormi.

Illi l-interpretazzjoni li qed taghti l-konvenuta ma taqbilx mal-kontenut tat-testment li huwa miktub bi kliem car u inekwivoku u ghalhekk m'hemmx lok ghal interpretazzjoni.

Illi l-atturi ma jixtiqux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuta in kwantu ghall-assi tal-mejtin Carmelo u Antonia konjugi Grech.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-mizzewgin Carmelo u Antonia konjugi Grech kif ukoll l-assi partikolari ta' kull konjugi billi jigu dikjarati li jikkonsistu f’ dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Tiddikjara illi l-valur tal-fond ossia razzett li jinstab gewwa Valletta Road, Qormi huwa ta' Lm90,000 ghall-finjiet tal-valutazzjoni tal-istess fond fit-termini tal-istess legat kif premess, jew somma ohra li tigi stabbilita minn din il-Qorti okkorrendo permezz tan-nomina ta' periti arkitetti.

3. Tipprefiggi terminu qasir u perentorju sabiex il-konvenuta thallas is-sehem spettanti lill-atturi mill-valutazzjoni ta' l-istess fond.

4. Taqsam il-beni formanti parti mill-wirt fi tnax-il kwota u porzjoni ugwali.

5. Tassenja porzjon kull wiehed u wahda lill-kontendenti.

6. Tinnomina perit arkitett biex jaghmel pjan ta’ qasma u nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 3 sa fol 18 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Jannar 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Polly Azzopardi datata 7 ta' Settembru 2006 a fol. 24 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi l-ewwel talba hija mproponibbli fid-dritt u fil-fatt *stante* illi huma kull wahda mill-partijiet illum defunti li setghu jillikwidaw l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux l-eredi tal-istess konjugi Grech. Illi llum kull ma' jista jsir huwa li jigu dikjarati x'inhuma l-assi ereditarji tal-konjugi imsemmija, haga li tista' facilment issir minghajr dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi r-raba' u l-hames talba ma jistghux jigu milqugha peress illi l-ahhar testment validu u vigenti tad-defunt Carmelo Grech, *ossia* t-testment tal-25 ta' Settembru 2002 in atti Nutar Roland J. Wadge jistipula bl-aktar mod car li l-esponenti gie assenjat lilha nofs sehem ir-razzett gewwa Valletta Rd Qormi *in piena* propjeta`, *ergo* sehem il-missier llum defunt Carmelo Grech (*vide* t-tielet artikolu) u kif ukoll l-uzu tar-razzett kollu u cioe' l-uzu anke ta' nofs sehem indiviz iehor li kien jappartjeni lil omm *ossia* Antonia Grech.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju fid-dikjarazzjoni taghha din l-Onor. Qorti ghandha tiddikjara illi l-istitut tal-uzu huwa differenti minn dak ta' propjeta` u allura indipendentement minn ikun sid il-fond gewwa Valletta Rd., Qormi l-esponenti xorta tibqa' tgawdi mid-dritt ta' uzu.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet talba hija mproponibbli fid-dritt u filtatt *stante* li l-atturi ma ghamlux kawza ghad-divizjoni u ghalhekk la jistghu jigu ordnati li jbieghu u anqas ma' jistghu jobbligaw lill-esponenti tixtri s-sehem taghhom.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ic-cifra ta' disghin elf liri Maltin (Lm90,000) indikata fit-tieni talba hija eccessiva u *inoltre* imsejsa fuq korrispondenza li solitament hija meqjusa "bla pregudizzju" u cioe` ittri skambjati bejn l-avukati. Illi mhux biss izda c-cifri imsemmija kienet indikata bhala prezz tal-proprjeta` fl-*intier* taghha. L-esponenti gia hija sid ta' nofs sehem indiviz u ghalhekk wiehed irid jara ezattament kif aktar 'l fuq gia` inghad.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimata Polly Azzopardi a fol. 25 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2007 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti pprezentati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tas-7 ta' Frar 2008 Dr. Josette Grech talbet in-nomina ta' Perit Tekniku sabiex issir stima tal-fond 27/29, Valletta Road, Qormi. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat bhala Perit Tekniku lil Mario Cassar sabiex jaghmel stima tal-istess fond a spejjez provizorjament attrici.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar mahlufa fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2008 a fol. 126 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008 il-Qorti, fuq talba tad-difensuri tal-partijiet, ordnat li tisma' l-Perit Tekniku sabiex jiddikjara jekk fil-valutazzjoni li ghamel hax in konsiderazzjoni li l-fond gie moghti b'uzu lill-konvenuta.

Rat it-tieni rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar mahluf fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2009 a fol. 142 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta’ Novembru 2009 quddiem il-Qorti presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Anglu Farrugia ghall-konvenuta u Dr. Josette Grech ghall-atturi. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Marzu 2010.

Rat l-atti kollha pprezentati u d-digrieti relattivi taghhom.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi Antonia Grech, omm il-kontendenti mietet fl-24 ta’ Gunju 1986 intestata, filwaqt li zewgha Carmelo Grech, missier l-istess kontendenti miet fis-16 ta’ Mejju 2004, u s-successjoni tieghu hija regolata b’testment datat 2 ta’ Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt (Dok. “G”), u testament datat 25 ta’ Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dr. Roland John Wadge (Dok. “H”).

Illi ghalhekk jirrizulta li l-eredita’ tal-mejta Antonia Grech iddevolviet favur it-tnax il-uliedha, l-kontendenti odjerni, u skont it-testmenti ta’ Carmelo Grech, sehh l-istess, b’dan pero’ li kif inghad fir-raba’ paragrafu tar-rikors guramentat, il-konvenuta giet moghtija prelegat fis-somma ta’ Lm2,000, u wkoll fit-testment tat-2 ta’ Mejju 1994 huwa halla lill-istess konvenuta “kull dritt ta’ inkwilinat u kull dritt iehor li ghandu fuq ir-razzett imsejjah “Tas-Sienja”, Race Course Street, Marsa”.

Illi jinghad ukoll li bit-tieni testament tal-25 ta’ Settembru 2002 (Dok. “H” – fol. 16), it-testatur ordna li fit-tieni u t-tielet paragrafu s-segwenti:-

*“IT-TIENI ARTIKOLU.*

*“It-testatur jixtieq u jordna li l-fond ossia ir-razzett li qieghed f’Valletta Road, Qormi, jinbiegh lill-imsemmija Polly Azzopardi, b’valur gust stabilit minn perit indipedenti”.*

*IT-TIELET ARTIKOLU*

*“It-testatur ihalli bhala prelegat lill-bintu Polly nofs sehmu mill-fond imsemmi fit-tieni artikolu kif ukoll l-uzu tar-razzett kollu u dan meta jaf li nofs ir-razzett ma’ jappartjenix lilu”.*

Illi jirrizulta li verament ghalkemm din hija kawza ta’ divizjoni tal-ereditajiet tal-genituri tal-kontendenti, fil-verita’ l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar it-tifsira tal-istess klawsola, u dan peress li l-atturi jsostnu li l-prelegat imholli mit-testatur bil-mod kif indikat huwa biss ta’ kwart (1/4) mill-istess razzett (nofs sehemu), filwaqt li l-konvenuta ssostni li l-pre-legat li thalla lilha huwa tas-sehem kollu tat-testatur mill-istess razzett, u ghalhekk thalla lilha l-valur ta’ nofs l-istess razzett.

Illi fuq din il-materja, in kwantu tirrigwarda interpretazzjoni ta’ testamenti, huwa stabbilit li f’materja ta’ successjoni universali jew partikolari, hija il-volonta’ tat-testatur li ghandha tipprevali u tiddetermina l-interpretazzjoni tal-istess testmenti *‘mens testatoris’* skont *‘quod voluit testator’* **“Mary Rose Mifsud vs Av. Dr. Joseph Bartolo nomine”** (P.A. (RCP) – 27 ta’ Frar 2001).

Illi jirrizulta li l-unika assi li hemm fl-assi ereditarji ta’ omm il-kontendenti huwa nofs ir-razzett numru 27 u 29, Triq Armel, Qormi u ghalhekk la darba hija mietet intestata nofs il-valur tal-istess ghandu jinqasam bejn it-tnax (12) il-uliedha bhala eredi taghha. Il-valur tal-istess fond gie valutat fl-ammont ta’ €221,350 (Lm95,000) skont relazzjoni tal-perit tekniku datata 14 ta’ Marzu 2008 u din il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq dan l-ammont.

Illi jirrizulta wkoll li fit-testmenti ta’ missier il-kontendenti ordna li l-istess razzett jinbiegh lill-konvenuta, u wkoll ghamel provizjoni li parti mill-istess fond hallih lill-konvenuta, kif anke id-dritt ta’ uzu tal-istess fond, fil-waqt li ddikjara li jaf li l-fond kollu mhux tieghu.

Illi l-kontestazzjoni odjerna hija liema porzjoni ndiviza tar-razzett halla lill-istess konvenuta, jekk hux is-sehem tieghu ta’ nofs, jew inkella kif qed isostnu l-atturi nofs is-sehem tad-*decujus* mill-istess fond u cjoe’ kwart mill-istess razzett. Illi sabiex tirrisolvi dan il-kwezit din il-Qorti harset lejn il-kliem tal-istess testament datat 25 ta’ Settembru 2002 u minn dan il-kliem jidher li a prima vista li dak li thalla lill-konvenuta minn missierha kien nofs is-sehem tal-missier mill-imsemmi fond, izda mbaghad meta l-istess artikolu 3 tal-imsemmi testament jinqara kollu, u dan anke fil-kuntest tax-xhieda tan-Nutar Roland Wadge (17 ta’ April 2007), jirrizulta ppruvat li l-istess testatur kellu l-intenzjoni cara li jhalli s-sehem kollu tieghu ta’ kwota ta’ nofs indiviz mill-istess razzett lill-konvenuta, u ghalkemm jidher car li l-kliem li intuza fl-istess testament ma huwiex wiehed felici, din il-Qorti thoss li meta hija tikkonsidra x-xhieda tal-istess Nutar, li kiteb l-istess testament dak il-hin stess li bit-testatur quddiemu (u dan anke kif jidher minn kopja tal-istess testament bil-kitba proprja tal-istess Nutar – Dok. “RW” – fol. 87), u fil-presenza tal-konvenuta, ma jezisti l-ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti, li l-intenzjoni tat-testatur kienet li huwa jhalli s-sehem tieghu ta’ nofs indiviz mill-istess razzett indikat li qieghed f’Valletta Road, lill-konvenuta.

Illi dan qed jinghad anke minghajr ix-xhieda tal-konvenuta li qalet car u tond li missierha kien qalilha sabiex tmur mieghu sabiex iddawwar favur taghha s-sehem kollu tieghu mill-istess razzett ghal fuqha, u filfatt hekk qal quddiem l-istess Nutar. Minn naha l-ohra, bix-xhieda tal-istess konvenuta qed tigi wkoll ikkonfermata x-xhieda tan-Nutar dwar l-intenzjoni tat-testatur.

Illi fid-dawl tal-principju legali li f’materja ta’ interpretazzjoni ta’ testmenti, l-Qorti ghandha tara li tinterpreta l-istess skont dik li tidher u tirrizulta li hija l-

volonta' tat-testatur, din il-Qorti thoss li ma tistax ghalhekk taccetta l-versjoni tal-atturi, u fid-dawl tax-xhieda tan-Nutar li rrediga l-istess testament fuq struzzjonijiet *ad hoc* tad-decujus, thoss li fil-kuntest tax-xhieda kollha moghtija, u in partikolari dik tal-istess Nutar, ma tistax hlief taqbel mat-tezi tal-konvenuta, li missierha hallielha nofs indiviz mill-istess razzett, u ghalhekk is-sehem kollu tieghu mill-istess immobbli.

Illi fuq kwistjoni ohra li qamu f'din il-kawza din il-Qorti ovvjament ser timxi bl-istess mod fejn ser taghti additu ghall-intenzjoni tad-*decujus* u f'dan is-sens jirrizulta li fit-tieni artikolu tat-tieni testament tieghu tal-25 ta' Settembru 2002 huwa ordna li l-istess fond jigi mibjugh lill-konvenuta b'valur gust stabbilit minn perit indipendenti, u allura il-mistoqsija li qamet fuq dan il-punt hija, jekk il-valur tal-istess fond ghall-bejgh tal-istess lill-konvenuta ghandux ikun sugget ghad-dritt ta' uzu li l-istess konvenuta inghatat fuq l-istess razzett fit-tielet artikolu tal-imsemmi testament.

Illi ghal din id-domanda u bhala risposta ghall-istess din il-Qorti thoss, li bil-kliem "valur gust stabbilit minn perit" sabiex jiddetermina l-prezz li biegh l-istess immobbli ghandha tinbiegh lill-konvenuta, l-istess testatur kien qed jirreferi ghall-valur attwali tal-istess razzett fil-mument tal-bejgh, minghajr konsiderazzjoni tad-dritt ta' uzu tal-istess konvenuta, u dan ghaliex attwalment id-dritt ta' uzu tal-istess fond lilha, ma huwa bl-ebda mod ser jigi mittiefes fl-istess prezz; u anke ghaliex l-istipulazzjoni tal-bejgh tal-istess razzett lil Polly Azzopardi, saret fil-kuntest tad-disposizzjonijiet kollha testimentarji, li jindikaw li tali razzett kellu jinbiegh lilha, u li allura hija kellha tgawdi minnu, anke ghaliex inghatat l-uzu l-istess; dan iwassal lill-Qorti sabiex taddotta li l-valur gust tal-istess razzett, huwa dak tal-valur tal-istess immobbli li ghandu jinbiegh lill-konvenuta kif ordnat fl-istess testament, u dak gravanti bl-ebda piz, ghaliex l-istess razzett kien ser jinbiegh, u gie ordnat li jinbiegh mill-istess testatur lill-persuna li hallielha d-dritt ta' uzu tal-istess, b'dan ghalhekk li f'dan il-kuntest il-valur gust tal-istess razzett li ghandu jinbiegh skont it-testment <u>biss </u>lilha huwa dak tal-valur attwali tal-istess fond. F'dan is-sens din il-Qorti ser taddotta l-valur ta'

€221,350 (Lm95,000), stabbilit skont il-perizja teknika fuq indikata f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk sabiex din il-Qorti tigi sabiex tiddeciedi fuq it-talbiet attrici ifisser li l-assi ereditarji tal-konjugi Carmelo u Antonia Grech jikkonsistu fl-istess razzett numru 27 u 29, Triq Armel, Qormi, b'dan li nofs indiviz mill-istess razzett jappertjeni lill-assi partikulari ta' kull wiehed u wahda minnhom. Ma' dan jinghad li fl-assi ereditarju ta' Carmelo Grech hemm ukoll id-dritt ta' inkwilinat tar-razzett imsejjah "Tas-Sienja", Race Course Street, Marsa.

Illi kwantu ghat-tieni talba tiddikjara li l-valur tal-istess fond huwa dak ta' €221,350 (Lm95,000) u ghalhekk ikkunsidrat li s-sehem tal-assi ereditarju tal-omm mill-istess razzett huwa ta' nofs (€110,675), mela allura fuq l-istess kuntratt irid issir il-hlas ta' l-imsemmija somma.

Illi dik is-somma ghandha tinqasam fi tnax il-kwota, izda qabel trid tithallas is-somma ta' €4,658.75 (Lm2,000) imhollija bhala legat favur il-konvenuta, u dan iwassal ghall-ammont ta' €106,016.25, li jfisser li kull parti, jew kull eredi jiehu minn tali ammont is-somma ta' €8,834.68.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-mizzewgin Carmelo u Antonia konjugi Grech kif ukoll l-assi partikolari ta' kull konjugi billi jigu dikjarati li jikkonsistu fl-istess razzett numru 27 u 29, Triq Armel, Qormi (indikat fl-azzjoni attrici u fit-testmenti bhala "gewwa Valletta Road, Qormi") b'dan li nofs indiviz mill-istess razzett jappartjeni lill-assi ereditarju tal-konjugi rispettivament, izda li fl-assi ereditarju ta' Carmelo Grech

hemm ukoll id-dritt ta’ inkwilinat tar-razzett imsejjah “Tas-Sienja”, Race Course Street, Marsa imholli lill-konvenuta.

2. Tiddikjara illi l-valur tal-fond *ossia* razzett li jinstab gewwa Valletta Road, Qormi u hawn indikat bhala r-razzett numru 27 u 29, Triq Armel, Qormi huwa ta' mitejn u wiehed u ghoxrin elf , tliet mija u hamsin ewro (€221,350 = Lm95,000) kif fuq indikat.

3. Dwar din it-talba din il-Qorti tordna li l-prezz li ghandu jithallas mill-konvenuta in vista tat-trasferiment tan-nofs indiviz lilha tal-istess razzett huwa dak fl-ammont ta’ mija u ghaxart elef, sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€110,675), li ghandu jithallas fid-data hawn iffissata f’din is-sentenza ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv fid-data tat-28 ta’ Mejju 2010 fil-11.30.a.m. f’wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta.

4. u 5. Illi ai fini tar-raba’ u hames talba attrici, jirrizulta li fl-ewwel lok hemm il-prelegat tad-dritt ta’ inkwilinat tar-razzett imsejjah “Tas-Sienja”, Race Course Street, Marsa imholli lill-konvenuta, u li hemm prelegat tan-nofs indiviz tar-razzett 27 u 29, Triq Armel, Qormi mholli lill-konvenuta, bi dritt ta’ uzu tal-istess razzett lill-konvenuta skont kif indikat fit-testment tal-25 ta’ Settembru 2002, u li ghandu jsir allura l-bejgh tan-nofs indiviz tal-istess razzett 27 u 29, Triq Armel, Qormi lill-konvenuta, kif indikat fl-istess testment ta’ Carmelo Grech, u kif ordnat f’din is-sentenza, u mill-istess ammont fuq indikat li ghandu jithallas mill-konvenuta, l-ewwel irid jithallas lill-konvenuta l-prelegat fl-ammont ta’ erbat elef , sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75 = Lm2,000) imholli minn Carmelo Grech lilha, u wara, kull parti f’din il-kawza, atturi u konvenuta, tiehu l-ammont ta’ tmint elef, tmien mija u erbgha u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€8,834.68).

6. Tinnomina n-Nutar Ronald Wadge sabiex jircievi l-att relattiv ghal bejgh tal-istess fond 27 u 29, Triq Armel, Qormi, lill-konvenuta, u dan skont kif hawn indikat, fejn il-prezz ta’ l-intier huwa ta’ mitejn u wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u hamsin ewro (€221,350 = Lm95,000), u la

darba n-nofs indiviz tal-istess razzett gie assenjat lill-konvenuta skont it-testment ta' Carmelo Grech datat 25 ta' Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Ronald Wadge, mela allura kull ma huwa ser jinbiegh huwa n-nofs indiviz tal-istess razzett li kien appartenenti lill-omm, li allura ghandu valur ta' mija u ghaxart elef, sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€110,675), u li jsiru l-atti kollha relattivi sabiex jaghtu effett lill-istess testmenti u lil din is-sentenza kollox skont il-ligi, u imbaghad ghandhom jinqasmu l-assi kif indikat f'din is-sentenza, u tinnomina bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta' trasferiment u l-atti relattivi lil Dr. Alessia Zammit Mckeon, liema kuntratt u atti relattivi ghandhom isiru fit-28 ta' Mejju 2010 fil-11.30.a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bejn l-eredi kollha tal-imsemmija Carmelo u Antonia Grech, fi kwota ta' 1/12-il parti kull wiehed u wahda minnhom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------